C/2023/685

3.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11284 – PRAX / OIL!)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/685)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Prax Limited ("Prax", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Prax Group Holdings Limited (ir-Renju Unit), u finalment minn Winston Sanjeev Kumar Soosaipillai u Arani Kumar Soosaipillai,

— OIL! Tankstellen GmbH ("OIL!", il-Ġermanja), ikkontrollata minn MABANAFT GmbH & Co. KG ("Mabanaft", il-Ġermanja).

Prax se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' OIL! kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Prax: kumpanija azzjonista u sussidjarja ta' Prax Group, attiva fir-raffinar u t-taħlit taż-żejt, il-provvista ta' prodotti petroliferi, it-tħaddim ta' network loġistiku għat-trasport ta' prodotti taż-żejt kif ukoll il-bejgħ bl-imnut ta' fuel permezz ta' stazzjonijiet tal-fuel,

— OIL!: flimkien mas-sussidjarji tagħha, hija attiva fil-bejgħ bl-imnut ta' fuels u prodotti komplementari (oġġetti ta' konvenjenza, ħasil tal-karozzi u servizzi oħra) permezz ta' pompi tal-fuel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11284 – PRAX / OIL!

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË